IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 20.5.2014
COM(2014) 277 final

RAPPORT MILL-KUMMISSJONI

LILL-KUMITAT EKONOMIKU U FINANZJARJU

skont l-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) Nru 1210/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2010 li jikkonċerna l-awtentikazzjoni tal-muniti tal-euro u t-trattament ta' muniti tal-euro li mhumiex tajba għaċ-ċirkolazzjoni

RAPPORT MILL-KUMMISSJONI
LILL-KUMITAT EKONOMIKU U FINANZJARJU

skont l-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) Nru 1210/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2010 li jikkonċerna l-awtentikazzjoni tal-muniti tal-euro u t-trattament ta' muniti tal-euro li mhumiex tajba għaċ-ċirkolazzjoni[1].

1. L-OBJETTIV TAR-REGOLAMENT (UE) NRU 1210/2010

Sabiex tissaħħaħ il-protezzjoni tal-euro mill-iffalsifikar ir-Regolament (KE) Nru 1338/2001[2] jirrikjedi istituzzjonijiet ta' kreditu u, fil-limiti tal-attività tal-pagamenti tagħhom, fornituri oħra tas-servizz ta' pagamenti u kull istituzzjoni oħra involuta fl-ipproċessar u t-tqassim lill-pubbliku ta' karti tal-flus u muniti (minn hawn 'il quddiem "istituzzjonijiet") li jiżguraw li l-karti tal-flus u l-muniti tal-euro li huma jkunu rċevew u li għandhom il-ħsieb li jpoġġuhom lura fiċ-ċirkolazzjoni jiġu vverifikati għall-awtentiċità u jinkixfu l-foloz.

Fir-rigward tal-muniti dan l-obbligu jiġi deskritt f'aktar dettall fir-Regolament (UE) Nru 1210/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2010 li jikkonċerna l-awtentikazzjoni tal-muniti tal-euro u t-trattament ta' muniti tal-euro li mhumiex tajba għaċ-ċirkolazzjoni (minn hawn 'il quddiem "ir-Regolament"). L-objettiv tar-Regolament huwa li jiżgura awtentikazzjoni effettiva u uniformi tal-muniti tal-euro fiż-żona tal-euro billi jipprovdi regoli vinkolanti għall-implimentazzjoni ta' proċeduri komuni għall-awtentikazzjoni tal-muniti tal-euro fiċ-ċirkolazzjoni kif ukoll għall-implimentazzjoni ta' mekkaniżmi ta' kontroll tal-proċeduri tal-awtentikazzjoni mill-awtoritajiet nazzjonali. Għaldaqstant, għandha titfassal proċedura ta' awtentikazzjoni biex ikun verifikat li l-muniti tal-euro huma awtentiċi u tajba għaċ-ċirkolazzjoni.

Ir-Regolament jistipula li l-obbligu ta' awtentikazzjoni jiġi implimentat permezz ta' magni tal-ipproċessar tal-muniti jew minn persunal imħarreġ. Wara l-proċedura ta' awtentikazzjoni, il-muniti kollha ssuspettati foloz u l-muniti tal-euro mhumiex tajba għaċ-ċirkolazzjoni għandhom jintbagħtu liċ-Ċentru Nazzjonali ta' Analiżi tal-Muniti jew awtorità oħra nnominata mill-Istat Membru kkonċernat. Dan ir-Regolament jistipula r-rekwiżiti tal-ittestjar għall-

[1] ĠU L 339, 22.12.2010, p. 5.
[2] ĠU L 181, 4.7.2001, p. 6.

magni tal-ipproċessar tal-muniti, ir-regoli għat-trattament ta' muniti li ma jkunux tajba għaċ-ċirkolazzjoni kif ukoll il-mekkaniżmi ta' kontroll li għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri sabiex jiġi żgurat li l-istituzzjonijiet ikunu qed jissodisfaw l-obbligu ta' awtentikazzjoni tagħhom.

Skont l-Artikolu 7 tar-Regolament, iċ-Ċentru Tekniku u Xjentifiku Ewropew (ETSC) stabbilit mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/37/KE[3], iddefinixxa l-Linji Gwida dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1210/2010 (minn hawn 'il quddiem il-"Linji Gwida tal-ETSC").

2. L-ISKOP TAR-RAPPORT

Skont l-Artikolu 12(4) tar-Regolament, wara li tkun analizzat ir-rapporti annwali li tkun irċeviet mingħand l-Istati Membri, il-Kummissjoni tressaq rapport annwali lill-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju dwar l-iżviluppi u r-riżultati li jikkonċernaw l-awtentikazzjoni tal-muniti tal-euro u l-muniti tal-euro li mhumiex tajba għaċ-ċirkolazzjoni.

Din hija l-ewwel darba li l-Kummissjoni ħejjiet rapport annwali bħal dan. Ir-Regolament ilu japplika mill-1 ta' Jannar 2012, f'dak li jirrigwarda l-proċedura ta' awtentikazzjoni. Ir-rapport ikopri s-sena 2012 u l-għan ewlieni tiegħu huwa li jivvaluta jekk il-proċeduri ta' awtentikazzjoni komuni ġewx implimentati kif suppost, jekk il-mekkaniżmi ta' kontroll tal-proċeduri tal-awtentikazzjoni mill-awtoritajiet nazzjonali humiex effettivi u, fl-aħħar nett, jipprovdi ħarsa ġenerali tal-istatistika ġenerali bbażata fuq ir-rapporti riċevuti mill-Istati Membri.

3. RAPPORTI TAL-ISTATI MEMBRI DWAR L-ATTIVITAJIET TAGĦHOM FIR-RIGWARD TAL-AWTENTIKAZZJONI TAL-MUNITI TAL-EURO

Skont l-Artikolu 12(1) l-Istati Membri jissottomettu rapporti fuq bażi annwali lill-Kummissjoni dwar l-attivitajiet tagħhom fir-rigward tal-awtentikazzjoni tal-muniti tal-euro. L-informazzjoni pprovduta tinkludi n-numru ta' kontrolli mwettqa u l-magni tal-ipproċessar tal-muniti ttestjati, ir-riżultati tat-testijiet, il-volum tal-muniti pproċessati minn dawn il-magni, in-numru ta' muniti ssuspettati foloz li ġew analizzati u n-numru ta' muniti tal-euro li

[3] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tad-29 ta' Ottubru 2004 li tistabbilixxi ċ-Ċentru Tekniku u Xjentifiku Ewropew (ETSC) u tistipula l-koordinazzjoni tal-azzjonijiet tekniċi bil-għan li tħares il-muniti tal-euro mill-iffalsifikar. ĠU L 19 21.1.2005, p. 73.

mhumiex tajba għaċ-ċirkolazzjoni li ġew rimborżati, kif ukoll id-dettalji dwar kull deroga prevista fir-Regolament.

L-iskadenza tal-preżentazzjoni tar-rapporti annwali mill-Istati Membri hija stabbilita fil-Linji Gwida tal-ETSC għall-15 ta' Frar tas-sena ta' wara li fiha jkun ġie rrapportat.[4]

4. VALUTAZZJONI TAR-RAPPORTI TAL-ISTATI MEMBRI GĦAS-SENA 2012

4.1. Kriterji ta' valutazzjoni

Il-kriterji ewlenin li jikkonċernaw l-awtentikazzjoni tal-muniti tal-euro u l-muniti tal-euro li mhumiex tajba għaċ-ċirkolazzjoni u li għandhom jiġu rrapportati huma stabbiliti fl-Artikolu 12 tar-Regolament. Sabiex tiġi kkoordinata l-implimentazzjoni tal-proċeduri tal-awtentikazzjoni, l-Artikolu 7 tar-Regolament innomina liċ-Ċentru Tekniku u Xjentifiku Ewropew (ETSC) biex jiddefinixxi l-linji gwida, inklużi d-dispożizzjonijiet prattiċi ta' implimentazzjoni, marbuta ma' kontrolli, verifiki u awditjar mill-Istati Membri, wara li jkun ġie kkonsultat il-grupp tal-esperti dwar il-falsifikazzjoni tal-muniti (CCEG). Fuq il-bażi tal-Linji Gwida tal-ETSC, l-Istati Membri kellhom jirrapportaw dwar l-indikaturi li ġejjin:[5]

1. Numru ta' muniti pproċessati fl-2012 għall-ogħla tliet denominazzjonijiet:
2. Numru totali ta' kontrolli fuq il-post eżegwiti;
3. Numru totali ta' magni tal-ipproċessar tal-muniti vverifikati;
4. Volum totali ta' muniti pproċessati minn magni tal-ipproċessar tal-muniti vverifikati:
5. Numru totali ta' muniti ssuspettati foloz analizzati;
6. Numru ta' muniti mhux tajba għaċ-ċirkolazzjoni rrimborżati:

4.2. Valutazzjoni tar-rapporti

16-il Stat Membru taż-żona tal-euro ikkonformaw mal-obbligu li jippreżentaw ir-"Rapport Annwali" tagħhom, jiġifieri: il-Belġju, il-Ġermanja, l-Estonja, il-Greċja, Spanja, Franza, l-Irlanda, l-Italja, Ċipru, il-Lussemburgu, Malta, il-Pajjiżi l-Baxxi, l-Awstrija, il-Portugall, is-Slovenja u s-Slovakkja.

Mill-Istati Membri li ġew imfakkra biex jibgħatu r-rapporti tagħhom il-Finlandja biss għadha ma għamlitx dan.

[4] Seba' Stati Membri biss taż-żona tal-euro ressqu r-rapporti tagħhom sal-iskadenza tal-15.02.2013.
[5] Ara l-Anness I.

Fejn dan ir-rapport jirreferi għal numri totali għandu jiġi kkunsidrat li dawn jirriflettu biss is-sitwazzjoni fl-Istati Membri taż-żona tal-euro li pprovdew id-dejta sa issa.
Ħarsa ġenerali sħiħa taċ-ċifri kollha hija pprovduta fl-Anness II.

4.2.1. In-numru totali ta' muniti pproċessati fl-2012 għall-ogħla tliet denominazzjonijiet:

Fuq il-bażi tal-Artikolu 3, l-istituzzjonijiet[6] jimplimentaw l-obbligu tal-awtentikazzjoni permezz ta' magni tal-ipproċessar tal-muniti inklużi fil-lista tal-ETSC li l-għan tagħhom huwa li jiġi verifikat li l-muniti tal-euro huma awtentiċi u tajba għaċ-ċirkolazzjoni.

In-numru totali ta' muniti pproċessati minn magni tal-ipproċessar tal-muniti fl-2012 għall-ogħla tliet denominazzjonijiet (EUR 2, EUR 1 u 50 ċenteżmu ta' euro) jammonta għal **9 845 834 296**.[7] Dan l-ammont jirrappreżenta **58,82 %** tal-ammont ta' muniti fiċ-ċirkolazzjoni.[8]

4.2.2. In-numru totali ta' kontrolli fuq il-post eżegwiti

Skont l-Artikolu 6 tar-Regolament l-Istati Membri jwettqu kontrolli annwali fuq il-post f'"istituzzjonijiet" bil-għan li, permezz ta' testijiet tal-iskoperta, jiġi vverifikat it-tħaddim xieraq ta' numru rappreżentattiv ta' magni tal-ipproċessar tal-muniti użati.
Fl-2012 l-Istati Membri wettqu total ta' **220**[9] kontroll fuq il-post. In-numru ta' kontrolli rrapportati kien ivarja konsiderevolment bejn kontroll **wieħed** u **76** kontroll għal kull Stat Membru. Dan jista' jiġi spjegat bid-daqs tas-suq u l-mod kif is-suq fi Stat Membru partikolari huwa organizzat fir-rigward tal-ipproċessar ta' flus kontanti. F'xi Stati Membri l-ammont kollu ta' muniti jiġi pproċessat minn kumpanija ta' flus kontanti fi tranżitu u oħrajn, pereżempju, minn banek kummerċjali individwali. Erba' Stati Membri (il-Greċja, l-Italja, il-Lussemburgu u Malta) ma rrapportaw l-ebda kontrolli. Dawn se jkunu mistiedna biex itejbu r-rapportar tagħhom jew jintroduċu l-mekkaniżmi ta' kontroll jekk għadhom ma għamlux dan.

[6] L-Artikolu 2(d) tar-Regolament 1210/2010 flimkien mal-Artikolu 6(1) tar-Regolament 1338/2001.
[7] Ara l-Anness I.
[8] Ikkalkulat fuq il-bażi ta' ħruġ nett ta' 16 737 875 000 munita (Sors: Rapport tal-Currency information system tal-BĊE ta' Diċembru 2012). Ta' min jinnota madankollu li xi muniti jistgħu jkunu ġew ivverifikati diversi drabi.
[9] Ara l-Anness I.

4.2.3. In-numru totali ta' magni tal-ipproċessar tal-muniti vverifikati

Total ta' **315**[10]-il magna tal-ipproċessar tal-muniti ġew ivverifikati u **70,15 %**[11] minnhom urew konformità mal-ispeċifikazzjonijiet. Għall-magni meqjusa mhux konformi, miżuri korrettivi msemmija fl-Artikolu 6(7) tar-Regolament għandhom ikunu twettqu.

4.2.4. Il-volum totali ta' muniti pproċessati minn magni tal-ipproċessar tal-muniti vverifikati

Sakemm ma ġietx riċevuta notifika għal deroga mill-Kummissjoni kif stipulat fl-Artikolu 6(5) tar-Regolament, l-Istati Membri għandhom l-obbligu skont l-Artikolu 6(3) biex jivverifikaw il-magni tal-ipproċessar tal-muniti li pproċessaw mill-inqas 25 % tal-volum nett totali akkumulat tal-ogħla tliet denominazzjonijiet ta' muniti tal-euro maħruġa mill-Istat Membru mill-introduzzjoni tal-muniti tal-euro sat-tmiem tal-2011.

Fuq il-bażi tad-dejta maħruġa mill-BĊE dwar il-ħruġ nett għal kull Stat Membru mill-introduzzjoni tal-euro sa tmiem l-2011, l-Istati Membri li ġejjin ikkonformaw mal-kriterji ta' 25 % li hemm referenza dwarhom fl-Artikolu 6(3): il-Belġju, l-Estonja, Spanja, Franza, l-Irlanda, il-Pajjiżi l-Baxxi, il-Portugall u s-Slovenja[12] (ara l-Anness III).

Il-Ġermanja u s-Slovakkja applikaw id-deroga msemmija fl-Artikolu 6(5) u kkonformaw mal-livell limitu minimu ta' 10 %.[13]

Il-volum totali ta' muniti pproċessati minn magni tal-ipproċessar tal-muniti li kienu vverifikati mill-awtoritajiet nazzjonali nnominati jammonta għal **6 117 955 983**.[14] Dan jirrappreżenta **62,13 %** tal-ammont ta' muniti pproċessati fl-2012.[15]

4.2.5. In-numru totali ta' muniti ssuspettati foloz analizzati

In-numru totali ta' muniti ssuspettati foloz analizzati jirreferi għall-muniti suspettużi kollha mibgħuta liċ-Ċentri Nazzjonali għall-Analiżi tal-Muniti (CNACs) fi Stati Membri individwali għall-analiżi. In-numru totali ta' muniti ssuspettati foloz analizzati jammonta għal **567 054**[16]

[10] Ara l-Anness I.
[11] Ara l-Anness II.
[12] l-Italja, il-Lussemburgu, Ċipru, Malta u l-Awstrija ma kinux konformi.
[13] Il-Greċja talbet għal deroga iżda ma kkonformatx mal-livell limitu l-aktar baxx, minħabba li ma rrapportat l-ebda kontrolli.
[14] Ara l-Anness I.
[15] Ibbażat fuq iċ-ċifra taħt il-punt 4.2.1.
[16] Ara l-Anness I.

munita. In-numru totali ta' muniti foloz maqbuda fiċ-ċirkolazzjoni jammonta għal **180 139** munita.[17]

4.2.6. In-numru ta' muniti mhux tajba għaċ-ċirkolazzjoni rrimborżati:

L-Istati Membri għandhom jirrimborżaw il-muniti tal-euro li ma għadhomx tajba għaċ-ċirkolazzjoni minħabba li kienu ilhom fiċ-ċirkolazzjoni jew minħabba xi aċċident jew ikunu ġew irrifjutati waqt il-proċess tal-awtentikazzjoni għal kull raġuni oħra. L-Istati Membri jistgħu jirrifjutaw ir-rimborż ta' muniti tal-euro li mhumiex tajba għaċ-ċirkolazzjoni li ġew modifikati jew deliberatament jew bi proċess li wieħed seta' raġonevolment jistenna li kien se jkollu l-effett li jimmodifikahom, minkejja r-rimborż ta' muniti miġbura għal finijiet ta' karità, bħal "muniti fil-funtani".

In-numru totali ta' muniti mhux tajba għaċ-ċirkolazzjoni jammonta għal **14 002 311**[18] munita.

5. KONKLUŻJONIJIET

Ir-rapport preżenti huwa l-ewwel rapport skont l-Artikolu 12(4) tar-Regolament. Minħabba li r-Regolament kien applikabbli mill-1 ta' Jannar 2012, bl-eċċezzjoni tal-Kapitolu III, is-sena kalendarja 2012 kienet l-ewwel sena ta' implimentazzjoni tar-Regolament.

Minħabba li mhux ir-rapporti kollha ġew riċevuti[19], il-Kummissjoni se tieħu l-passi meħtieġa biex tfakkar lill-Istati Membri tal-erja taż-żona euro fl-obbligu li jikkonformaw saż-żmien stipulat mar-rekwiżiti skont ir-Regolament 1210/2010.

Abbażi tal-informazzjoni rrapportata jista' jiġi konkluż li l-proċedura ta' awtentikazzjoni fl-"istituzzjonijiet" tidher li hija fis-seħħ fil-maġġoranza tal-Istati Membri taż-żona tal-euro u li 12 minn 17-il Stat Membru taż-żona tal-euro jwettqu kontrolli tal-implimentazzjoni korretta tal-obbligu ta' awtentikazzjoni mill-"istituzzjonijiet" imsemmija fl-Artikolu 6 tar-Regolament 1338/2001.

Madankollu, titjib ulterjuri tal-obbligu ta' rappurtar mill-Istati Membri huwa meħtieġ biex il-Kummissjoni tkun tista' tfassal stampa komprensiva tal-proċeduri ta' awtentikazzjoni stabbiliti fl-Istati Membri. Ir-rapporti mill-Istati Membri ma jilħqux il-livell mixtieq ta' kompletezza u omoġeneità meħtieġa għal valutazzjoni dettaljata mill-Kummissjoni. Aktar armonizzazzjoni u titjib fir-rappurtar se jiġu diskussi fil-qafas tal-grupp ta' esperti eżistenti (Grupp ta' Esperti

[17] Sors: Rapport annwali tal-ETSC "Il-Protezzjoni tal-Muniti tal-euro fl-2012".
[18] Ara l-Anness I.
[19] Kif indikat fit-Taqsima 4.2, 16-il Stat Membru kienu kapaċi jikkonformaw mal-obbligu li jippreżentaw rapport u l-Finlandja biss ma kinitx għadha kkonformat.

dwar il-Muniti Foloz) u se jkunu msemmija fid-dettall fil-Linji Gwida tal-ETSC fid-dawl tar-rapporti futuri.